MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 46/2006

**Victor Calleja bhala Direttur u in rapprezentanza ta' Yorkie Clothing Industry Limited**

**vs**

**Mario Debono ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Flick**

Il-Qorti:

Rat l-att tar-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, gja Qorti tal-Kummerc fit-10 ta' Ottubru, 1994 fl-ismijiet *"Victor Calleja bhala Direttur u in rappresentanza ta'* ***"Yorkie Clothing Industry Limited vs Mario Debono ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Flick"***, l-

esponenti gie ikkanonizzat kreditur tal-imsemmi Mario Debono fis-somma ta' erbat elef seba' mija u tlett Liri Maltin, tnejn u tmenin centezmu (Lm4,703.82) kif ukoll l-interessi legali u spejjez gudizzjarji.

Minkejja li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija, l-attur baqa' ma thallasx is-somma lilu dovuta.

**Ghaldaqstant**, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzah illi jipprocedi sabiex jezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru, 1994, *nonostante* illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija sentenza.

Rat illi r-rikors giet debitament notifikata lill-konvenut *nomine* li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u lanqas ma deher fl-udjenza tal-kawza biex jikkontesta t-talba, u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut *nomine* tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------